

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2009 — Michail vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-100/09)

(2010/C 63/91)

Lingwa tal-kawża: *Il-Grieg*

### Partijiet

Rikorrent: Christos Michail (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: C. Meidani, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni tal-konvenuta li tiċħad it-talba għal assistenza magħmula skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal minħabba l-fastidju psikoloġiku li r-rikorrent jallega li kien vittma tiegħu.

### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni ta' 9 ta' Marzu 2009 tat-talba għal assistenza taħt l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal;
- jikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tikkompensa d-dannu morali li jammonta għas-somma ta' EUR 30 000;
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Diċembru 2009 — AA vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-101/09)

(2010/C 63/92)

Lingwa tal-kawża: *il-Franċiż*

### Partijiet

Rikorrenti: AA (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: K. Van Maldegem u C. Mereu, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett

Prinċipalment, l-annulament parzjali tad-deċiżjoni li r-rikorrenti tiġi kklassifikata fl-iskala 2 tal-grad AD6 u li l-konvenuta tiġi kkundannata tagħmel tajjeb għad-danni morali u materjali kkawżati. Sussidjarjament, li l-konvenuta tiġi kkundannata tikkompensa d-danni morali u materjali kkawżati mid-dewmien fir-reklutaġġ tar-rikorrenti.

### Talbiet tar-rikorrenti

- Prinċipalment, tannulla d-deċiżjoni tad-19 ta' Frar 2009 fil-parti li tistabbilixxi l-klassifikazzjoni definittiva tar-rikorrenti kif ukoll tikkundanna lir-rikorrenti tħallas id-danni li jammontaw għal EUR 321 854 u l-interessi kumpensatorji u moratorji bir-rata ta' 6.75 % għad-danni morali u materjali subiti.
- Sussidjarjament, tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni li jammontaw għal EUR 2 331 246 u l-interessi kumpensatorji u moratorji bir-rata ta' 6.75 % għad-danni morali u materjali kkawżati mid-dewmien fir-reklutaġġ tar-rikorrenti;
- Tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2010 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-1/10)

(2010/C 63/93)

Lingwa tal-kawża: *it-Taljan*

### Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, Lecce) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett

Annulament tad-deċiżjonijiet li jiċħdu l-applikazzjonijiet tar-rikorrent għal rimbors ta' 100 % ta' ċerti spejjeż mediċi tar-rikorrent.